MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Appell Civili - Ghawdex Numru. 40/1992/1

**Avviz numru 40/1992 PC**

**Michael Caruana**

**vs**

**Emanuel Micallef, u b'digriet tas-6 ta' Novembru 1992, Bernarda mart Emanuel Custo giet ammessa fil-kawza "in statu et terminis"**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' April, 2002 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex jizgombra mill-art maghrufa bhala "Tal-Ispizjar", fil-limiti tal-Gharb, Ghawdex, bil-kejl ta' hdax-il tomna, pari ghal tnax-il elf, tlett mija u erbgha u sittin metri kwadri (12,364 m.k.) jew kejl verjuri, li tmiss mill-Lvant u nofsinhar ma' beni tal-Arcidjocesi ta' Malta, mill-punent ma' wied u mit-tramuntana in parti ma' Triq Trux, liema art hija proprjeta' tal-Arcidjocesi ta' Malta u tinsab imqabbla ghand l-attur, u li huwa qed jokkupaha minghajr ebda titolu validu fil-Ligi .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut fl-erbatax ta' Settembru, tal-elf disa' mija u tnejn u disghin (14.IX.1992) .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. In-nuqqas ta' interess tal-attur li jippromwovi dina l-kawza .

2. Illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, il-konvenut qieghed jokkupa l-istess raba b'titolu ta' lokazzjoni .

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Novembru 1992 li permezz tieghu Bernarda mart Emanuel Custo' giet ammessa fil-kawza 'in statu et terminis' .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed ifittex li jizgombra lill-konvenut mir-raba indikat fl-Avviz, li huwa jikkontendi li kien koncess lilu bi qbiela minghand il-Kurja Arciveskovili

ta’ Malta  b’effett mill-1 ta’ April 1992 (Dok. MC. 1 a fol. 20) .

Il-konvenut da parti tieghu qed jirrifjuta li johrog mill-istess raba’ ghax isostni illi bis-sahha ta’ skrittura privata datata s-26 ta’ Ottubru 1991 (Dok. EC. 1 a fol. 191), Luigi Camenzuli kien cedielu l-inkwilinat ta’ din ir-raba .

L-intervenuta fil-kawza Bernarda Custo’ mbaghad tghid illi permezz ta’ skrittura ohra tat-3 ta’ April 1992 il-konvenut kien cedielha parti mill-qbiela tar-raba li kien ha minghand l-imsemmi Camenzuli (Dok. A a fol. 9 – 10) .

Irrizulta mill-provi mismugha illi t-territorju kollu maghruf bhala “Ta’ l-Ispizjar” limiti ta’ l-Gharb, Ghawdex, tal-kejl ta’ circa tletin (30) tomna, kien gie originarjament  koncess bi qbiela mill-Arcidjocesi ta’ Malta lil certu Michelangelo Cassar ghall-habta ta’ l-elf disa’ mija u tlettax (1913) .  In segwitu ghall-mewt tieghu dan it-territorju kien inqassam bejn il-werrieta tieghu f’erba’ porzjonijiet ta’ madwar sebat itmiem u nofs (7 ½) il-wahda .  B’hekk gara illi l-Guzepp Mercieca (in-Nahli) buznannu tal-konvenut kellu cipp, Luigi Grima (il-Gus) kellu cipp iehor, Luigi Camenzuli (Il-Patri) kellu t-tielet cipp u Guzepp Caruana (Kajjin) missier l-attur kellu r-raba cipp .

Dan ta’ l-ahhar meta gie biex jirtira ceda s-sehem tieghu a favur ta’ uliedu l-attur Michael Caruana u Maria mart Tarcisio Galea (Dok. TG. 1 a fol. 164) .  Guzepp Mercieca, billi uliedu kienu siefru, ceda parti sostanzjali mir-raba li kellu f’idejh lil Luigi Camenzuli, bil-patt illi meta uliedu jirritornaw, jerga’ jghaddilhom dik ir-raba li kien cedielu .  Gara’ pero’ illi meta dan Camenzuli miet, l-attur pprezenta certifikat tal-mewt ta’ l-istess Camenzuli l-Kurja Arciveskovili, u peress illi dik il-habta kienet il-*policy* ta’ l-amministrazzjoni tal-beni ekklezjastici li kemm jista’ jkun ir-raba mqabbla tigi konsolidata, dan gie preferut fuq il-konvenut li wkoll kien ghamel talba biex jigi rikonoxxut fil-qbiela ta’ l-art li kellu f’idejh l-istess Luigi Camenzuli .  Il-Monsinjur Carmelo Zammit li kien responsabbli mill-amministrazzjoni ta’ din ir-raba fi zmien dawn it-talbiet, spjega kif huwa ghazel li jirrikonoxxi lill-attur minflok il-

mejjet Camenzuli, billi dan kien miet guvni u ghalhekk skond il-ligi ma kienx hemm id-dritt awtomatiku li l-qbiela tintiret . Kien ghalhekk liberu li jaghraf lil min irid f'din il-qbiela u infatti ghazel lill-attur, li apparti li gia kellu parti minn dan it-territorju f'idejh, kien jidher fuq l-ircevuta tal-hlas, flimkien ma' l-istess Camenzuli, ghan-nom ta' l-eredi ta' Michelangelo Cassar .

Fin-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi taghhom, il-konvenut u l-intervenuta fil-kawza jsostnu illi ghall-kaz in ezami japplikaw il-ligijiet civili regolari dwar il-lokazjoni u mhux dawk specjali rigward it-tigdid tal-qbejjel . Ghalhekk jiccitaw diversi awturi u gurisprudenza lokali dwar id-dritt ta' l-inkwilin li jissulloka jew icedi r-raba mikrija lilu, sakemm dan ma jkunx gie espressament projbit mis-sid . Huma jikkontendu illi Luigi Camenzuli kellu kull dritt skond il-ligi civili li jcedi d-drittijiet lokatizji tieghu a favur tal-konvenut, u dan da parti tieghu kellu l-istess dritt icedi parti minn din ir-raba lill-intervenuta fil-kawza .

Din il-Qorti pero' ma tistghax tifhem b'liema ragunament jistghu jippretendu illi dan huwa l-kaz . Hawnhekk zgur illi ma tezistix ebda lokazzjoni originali b'xi terminu specifikat li ghadu ma skadiex . Irrizulta, kif gia nghad aktar `l fuq, illi t-territorju kollu li dak in kwistjoni jifforma parti minnu, kien gie koncess lil Michelangelo Cassar fl-1913 . Ma nafux ghal kemm zmien kienet saret dik il-koncessjoni . Imma kien x'kien dak il-perijodu, certament ilu hafna li skada, ghax l-ebda kirja ma kienet issir ghal zmien daqstant fit-tul . Il-pozizzjoni reali ma tistghax tkun hlief illi din il-lokazzjoni kienet qed tigi mgedda minn sena ghall-ohra a favur tal-eredi tieghu, a bazi biss tal-ligijiet specjali li kienu gew sussegwentement introdotti f'pajjizna matul il-gwerra, fi sforz li l-bidwi jinghata xi forma ta' protezzjoni . Ma hemm ghalhekk l-ebda dubbju illi din il-materja trid tigi regolata bil-ligi specjali vigenti dwar it-tigdid tal-kiri tar-raba, illum il-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta .

L-artikolu 2 ta' din il-ligi jiddefinixxi l-"kerrej" bhala :

"…kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja, u wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-ahhar sena minnfih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien qed jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej; tinkludi wkoll, relattivament ghal sullokatur, sub-konduttur, liema kelma ghandha titqies f'dik ir-relazzjoni bhala li jkollha l-istess tifsir bhal kerrej fl-estensjoni shiha tieghu;"

Fl-istess artikolu imbaghad "membru tal-familja" gie deskritt bhala :

*"axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, ragel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma tergax tizzewweg, tal-kerrej."*

Ma hux kontestat illi l-imsemmi Luigi Camenzuli miet guvni u improle . Sa fejn ghalhekk il-konvenut qed jibbaza t-titolu tieghu ta' qbiela fuq ic-cessjoni li saret a favur tieghu mill-istesss Luigi Camenzuli ftit qabel ma miet, ma jistghax ikollu ragun . Dan ghaliex huwa ma kienx jaqa' taht xi wahda mill-kategoriji mfissra f'dan l-artikolu tal-ligi . Ghamel sew ghalhekk il-Monsinjur Carmelo Zammit li ma riedx jirrikonoxxi lill-konvenut a bazi ta' l-iskrttura li biha saret din ic-cessjoni . Mal-mewt ta' Luigi Camenzuli, l-qbiela li kien igawdi fuq parti mit-terrritorju "Ta' l-Ispizjar" limiti ta' l-Gharb, giet awtomatikament itterminata, biex is-sid kien imbaghad hieles li jerga' jikri l-istess raba' lil min irid, kif fil-fatt ghamel ma' l-attur .

Difiza ohra tal-konvenut kienet illi li huwa, bhala wiehed mill-eredi ta' Michelangelo Cassar, l-inkwilin originali, kellu dritt li jiret, anke bis-sahha ta' l-istess ligi specjali, l-inkwilinat ta' din ir-raba . Din is-sottomissjoni pero' tapplika biss sa fejn il-konvenut kien qed jahdem dik il-parti mir-raba li kienet giet f'idjeh mic-cipp ta' l-antenat tieghu Guzepp Mercieca (in-Nahli), u l-attur lanqas ma huwa qed jippretendi xi dritt fuq din il-parti . Imma zgur li ma jistghax jinghad l-istess ghal dak li jirrigwarda l-parti mit-territorju li kien ghadda f'idejn Luigi Camenzuli, u cioe'

c-cipp tieghu ta’ sebat itmiem u nofs (7 ½ tumoli) li akkwista in segwitu ghad-divizjoni tat-territorju li kienet saret wara l-mewt ta’ Michelangelo Cassar, flimkien ma dik il-parti mic-cipp li kien ghaddielu Guzepp Mercieca (in-Nahli) meta uliedu kienu siefru, li hija appuntu l-art li qed jirreklama l-attur . Il-konvenut jammetti illi qabel ma saret l-iskrittura privata ma’ Camenzuli, huwa kellu fil-pussess tieghu parti zghira mit-territoju, li kien ghadda f’idejh minghand “tan-Nahli” . Il-fatt ukoll illi l-istess konvenut hass il-htiega li jaghmel dik l-skrittura ma’ Camenzuli biex dan jghaddilu l-partijiet mit-territorju li kellu f’idejh, flimkien mar-rikonoxximent ta’ l-istess Camenzuli bhala **l-inkwilin** tar-raba indikata fuq dik l-iskrittura, jkomplu jimmilitaw kontra l-pretensjoni tal-konvenut illi huwa kellu xi dritt ta’ inkwilinat gej direttament minghand Michelangelo Cassar, anke fuq il-parti fil-pussess ta’ Camenzuli .

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi f’tali cirkostanzi t-titolu ta’ qbiela ta’ l-attur fuq l-art deskritta f’dan l-avviz gie sodisfacentement ippruvat. Fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut eccepixxa fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ interess ta’ l-attur li jippromwovi din il-kawza . L-interess ta’ l-attur fl-art minnu reklamata rrizulta pero’ evidenti fil-kors ta’ din il-kawza. Huwa gie rikonoxxut mis-sid, permezz tar-rapprezentant tal-Kurja Arciveskovili, fil-persuna tal-Monsinjur Carmelo Zammit, bhala l-inkwilin il-gdid ta’ l-art li kien jipposjedi l-mejjet Luigi Camenzuli, li hija appunta l-art indikata f’dan Avviz . Fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jargumenta wkoll illi l-attur ma esebixxa l-ebda skrittura ta’ lokazzjoni dwar l-art in kwistjoni . Dan huwa minnu, ghax ma giet esebita ebda skrittura ta’ lokazzjoni bejn xi rappezentant tal-Kurja u l-attur . Imma l-ircevuta rilaxxjata fl-1992 f’isem l-istess attur (Dok. MC. 1), flimkien ma’ l-ittra mill-Arcidjocesi ta’ Malta mibghuta lill-attur fid-9 ta’ Settembru 1992 (Dok. MC. 2), fejn gie mheggeg jiehu passi biex jizgombra lill-konvenut, maghdud l-istess depozizzjoni tal-Monsinjur Zammit, huma evidenza inekwivoka bizzejjed tal-lokazzjoni li kienet saret tar-raba in kwistjoni a favur ta’ Michael Caruana .

Bit-tieni eccezzjoni tieghu l-istess konvenut jikkontendi illi ghandu titolu ta’ lokazzjoni fuq din l-art . Imma dan it-titolu, ghar-ragunijet fuq spjegati, ma rnexxielux jipprovah .

Ghal dawn il-mottivi tiddecidi din il-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-art deskritta f’dan l-Avviz fi zmien tliet (3) xhur mill-lum .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali ta’ l-14 ta’ Settembru 1992, kontra l-istess konvenut . L-ispejjez tal-intervenuta fil-kawza, naturalment, jibqghu a karigu taghha.”

Minn din is-sentenza appellaw flimkien il-konvenut u l-intervenjenti in kawza. L-aggravji taghhom huma sintetikament f’dawn it-termini:-

i. Luigi Camenzuli kellu s-setgha bil-ligi jcedi l-kirja. Gjaladarba dan kien hekk il-kaz ergo l-konvenut appellant akkwista titolu. Titolu li fil-fehma tal-appellanti hu prezunt li kien wiehed validu;
ii. Il-fatt tan-nuqqas ta’ rikonoxximent da parte tas-sid tac-cessjoni hi kwestjoni ta’ ebda rilevanza ghax dak li jghodd hu t-titolu innifsu vantat mill-appellanti.
iii. Gjaladarba l-appellanti stabbilew li ghandhom titolu l-kompetenza ta’ l-ewwel Qorti kellha tieqaf hawn. Ziedu jaggungu illi biex jintemm dan it-titolu kellha ssir azzjoni ‘ad hoc’ proposta mis-sid u mhux mill-attur rikonoxxut bhala kerrej. Jarguwixxu ukoll, u dan b’sostenn ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, il-karenza ta’ nteress fl-attur li jipproponi l-azzjoni ‘de qua’.

Issa minn dak kaptat mill-atti processwali donnha l-linja difensjonali tal-appellanti tinsab arginata fuq zewg binarji, u cjoe, li t-titolu vantat fuq il-bicca tar-raba gja tenuta in lokazzjoni mill-imsemmi Luigi Camenzuli hu derivanti:

(a) in kwantu ghall-konvenut appellant, bhala konsegwenza diretta tal-ftehim tac-cessjoni tas-26 ta’ Ottubru 1991 (fol 191) u in kwantu ghall-intervjenti

appellanti, ukoll in forza ta' cessjoni skond skrittura datata 3 ta' April 1992 (fol 192);
(b) sussidjarjament, 'ope legis', fit-termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap 199.

Huwa ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi ghall-ezami jekk detentur ta' fond ghandux titolu jew le huma l-Qrati ordinarji. Dan fis-sens li l-Qorti ghandha tistabilixxi mhux biss l-ezistenza tat-titolu izda wkoll jekk dan it-titolu huwiex wiehed validu. Huwa biss meta l-Qorti ordinarja tistabilixxi li dan it-titolu jezisti, fis-sens illi d-detentur ta' fond qieghed jokkupah b'titolu ta' lokazzjoni, illi allura dik il-Qorti ma tibqax hekk kompetenti – "**Gaetano Cauchi –vs- Avukat Dr. Tommaso Fenech noe**", Appell, Sede Inferjuri, 29 ta' Settembru 1948; "**Vincent Camilleri noe –vs- Pio Muscat**", Appell Inferjuri, 21 ta' Jannar 1986.

Issa biex jigi determinat jekk ic-cessjoni tal-affitt minn Camenzuli lill-konvenuti appellanti kienetx wahda valida o meno, wiehed irid jinkwadra l-materja fil-parametri ta' l-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba. Dan anke ghaliex, kif gustament rilevat mill-ewwel Qorti, "din il-materja trid tigi regolata bil-ligi specjali vigenti dwar it-tigdid tal-kiri tar-raba, illum Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta".

Ibda biex l-Artikolu 2 tal-precitat Att jiddefinixxi "kerrej" bhala li "jinkludi kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja". L-istess dispost imbaghad ifisser "cessjonarju tal-kirja" bhala li tinkludi sub-konduttur u, meta ma jkun hemm la persuna li lilha tkun giet ceduta l-kirja u l-anqas sub-kunduttur, il-persuna li tkun attwalment tgawdi l-kirja bil-kunsens espress jew tacitu tal-kerrej, u "cessjoni" ghandha tinftiehem skond hekk. Kif ritenut fid-decizjoni "**Joseph Portelli –vs- L-Eccellenza Tieghu l-Isqof ta' Ghawdex Monsinjur Nikol Cauchi noe et**", Appell, 19 ta' Mejju 2000, "*indubbjament ma huwiex necessarju li tali ftehim jigi redatt bil-kitba biex jakkwista l-kwalita` ta' cessjonarju tal-kirja skond il-ligi".*

Hu evidenti minn dak riportat 'supra' illi biex persuna takkwista t-titolu ta' kerrej skond it-test tal-ligi mhux bizzejjed li jkun sempliciment "cessjonarju tal-kirja" izda

jrid ikun ukoll “membru tal-familja” li mal-frazi hi abbinata proprjament il-frazi l-ohra “cessjonarju tal-kirja”.

Skond kif definita l-frazi, “membru tal-familja” tfisser “axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, ragel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma tergax tizzewweg, tal-kerrej”.

Jirrizulta li l-koncedent Luigi Camenzuli kien guvni u allura l-konvenut appellant ma setax validament jirrivesti t-titolu ta’ cessjonarju tal-kirja billi ma kienx ukoll membru tal-familja tal-imsemmi koncedent skond it-tifsira appena riportata. Hu car ghalhekk li dan l-appellant ma jistax jivvanta titolu bis-sahha tal-ligi. Dan ghaliex ukoll fil-perijodu tar-rilokazzjoni l-identifikazzjoni ta’ min kien jikkwalifika bhala kerrej tar-raba kellha bilfors issir skond kif provvdut fil-ligi specjali (Kap 199). Li jfisser allura li s-sid, kif rapprezentat minn Monsinjur Carmelo Zammit, agixxa konformement mal-ligi meta ghazel li ma jirrikonoxxiex lill-konvenut appellanti bhala cessjonarju tal-kirja. Dan kollu indipendentement mill-kwestjoni tal-allegati policies jew guidelines kurjali in materja u indipendentement ukoll mill-fatt illi xi darba l-kirja kienet tirrisali ghal fonti unika fil-persuna ta’ Michelangelo Cassar, buznannu ta’ missieru. Dan anke ghaliex il-kerrej tal-appezzamenti tar-raba in diskussjoni u li minn ghandu rceva b’cessjoni l-konvenut appellant ma kienx Michelangelo Cassar izda Luigi Camenzuli.

Kif fuq muri l-appellanti jappiljaw ukoll mal-fatt illi huma ghandhom dritt ‘ope legis’ jikkontinwaw fil-kirja u dan stante li huma successuri tal-kerrej Luigi Camenzuli.

Issa apparti li bhala fatt ma giex minnhom provat li huma eredi tieghu, anke pero’ meta l-materja tigi nkwadrata fit-termini tal-ligi din id-difiza taghhom hi destinata li tfalli wkoll.

Skond il-gradwatorja ben definita fil-ligi (Art 2) “wara l-mewt tal-kerrej” jidhlu fl-ordni ta’ preferenza meta ma jkunx hemm membru tal-familja cessjonarju tal-kirja, “kull membru tal-familja li jkun legatarju jew li, matul l-ahhar

sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien jahdem ir-raba mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej”.

Minn dan desunt huwa kjarament ovvju illi l-abbinament jibqa’ dejjem f’kull ipotesi tal-ordni ta’ preferenza mal-istat li min hu intitolat ikun membru tal-familja tal-mejjet. Dan ighodd ukoll ghal sullokatur jew sub-konduttur billi kif jinghad mill-istess ligi “din il-kelma ghandha titqies f’dik ir-relazzjoni bhala li jkollha l-istess tifsir ta’ kerrej fl-estensjoni shiha taghha”. Del resto, anke minghajr dan l-abbinament, mill-provi ma jirrizulta l-ebda fatt jew allegazzjoni li tirrikjedi konsiderazzjoni bazata fuq din il-parti tal-inciz fid-definizzjoni ta’ “kerrej”. Mod iehor, difficilment jinftiehem il-htiega tac-cessjoni konkjuza bejn il-kontraenti.

Tajjeb ukoll li jigi rimarkat illi l-konvenut appellant, u dan japplika wkoll fil-kaz tal-intervenjenti appellanti, ma rnexxielux jistabilixxi illi l-posizzjoni tieghu tirrientra f’xi wahda mill-gradwatorja jew ordni ta’ preferenza elenkati fl-espressjoni tal-kelma “kerrej” fuq riportata.

Iz-zewg appellanti lanqas jistghu jippretendu illi huma ssubentraw fil-kirja bis-sahha tas-successjoni intestata ta’ Luigi Camenzuli. Dan ghaliex, dejjem s’intendi sottintiz il-kwalifika u t-tifsira ta’ membru tal-familja, filwaqt li hu minnu li kirja originali tintiret mill-eredi tal-kerrej ‘ab intestato’ li kieku t-terminu originali kien ghadu in korso, “*mhux l-istess jista’ jinghad ghall-kirja li tkun fi stadju ta’ rilokazzjoni. Il-ligi specjali li tirregola t-tigdid ta’ kiri tar-raba tipprovdi regoli definiti li jirrestringu r-rilokazzjoni ghal dawk il-membri tal-familja li hi tispecifika fid-definizzjoni fl-artiklu 2. Kien biss f’dawn ic-cirkostanzi li l-legislatur ried illi l-qbiela tghaddi u tkompli ex lege fil-persuna ta’ “membru tal-familja” ta’ l-inkwilin*” – “**Pietru u Pawlu ahwa Magro –vs- Abram u Alfred ahwa Mifsud**”, Appell, Sede Inferjuri, 29 ta’ Jannar 1999.

In vista ta’ din l-osservazzjoni l-appellanti ma rnexxielhomx jipprovaw sodisfacentement illi huma ghandhom ‘in teste propria’ xi dritt ta’ inkwilinat fuq il-

porzjoni tar-raba illi kellu Luigi Camenzuli. Dan la bis-setgha tac-cessjoni u lanqas bis-sahha b'xi opzjoni partikolari naxxenti mil-ligi taht id-definizzjoni ta' "kerrej". Kull sottomissjoni taghhom f'dan il-kuntest u lejn din id-direzzjoni hi inutili u inattendibbli.

Kif hekk ukoll hu inattendibbli l-aggravju dwar sa fejn kellha twassal il-kompetenza ta' l-ewwel Qorti. Aggravju dan li huma ma kienux qajjmu quddiem l-ewwel Qorti. Ghal din ir-raguni biss din il-Qorti ta' revizjoni ma tistax u ma ghandhiex lanqas biss tikkunsidrah. Dan apparti l-fatt li, kif fuq indikat, guridikament, lanqas hu sostenut.

Kif hekk ukoll hi bla ebda fondament guridiku l-ewwel ecezzjoni tan-nuqqas ta' interess ta' l-attur u tal-aggravju tal-appellanti f'dan l-istess sens.

Hu pacifikament assodat illi "*min jakkwista l-inkwilinat ta' fond ghandu azzjoni diretta biex jizgombra lil min ikun qed jokkupa dak il-fond bla titolu*". Ara sentenzi fl-ismijiet "**Antonio Catania –vs- Rinaldo Zahra**", Appell Civili, 20 ta' Frar 1953; "**Giuseppe Camilleri –vs- Giuseppe Attard Portughese et**", Appell, 22 ta' Gunju 1925; "**Av. Gaetano Borg Olivier –vs- Giuseppe Sciberras**", Prim'Awla, Qorti Civili, 22 ta' Mejju 1928, fost ohrajn.

Fil-kaz in ezami l-attur akkwista dan l-inkwilinat in forza tar-rikonoxximent li sarlu minn sid ir-raba, u allura kellu kull dritt jazzjona lill-konvenut appellant ghall-izgumbrament tieghu mill-porzjoni tar-raba gja posseduta minn Luigi Camenzuli. Naturalment il-Qorti qed taghmilha cara illi l-konkluzjoni minnha raggunta tikkolpixxi biss dan il-porzjoni tar-raba u mhux il-porzjonijiet l-ohra tal-istess raba denominat "Tal-Ispizjar" fil-limiti tal-Gharb.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell interpost mill-konvenut appellant u mill-intervenjenti in kawza u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghall-fini tal-izgumbrament mill-porzjoni tar-raba' msemmi li kellu fid-detenzjoni tieghu Luigi Camenzuli t-terminu ta'

tliet (3) xhur prefiss mill-ewwel Qorti jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez ta’ dan l-appell ibatuhom l-appellanti.  Dawk tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------